REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1003/2010

tat-8 ta' Novembru 2010

dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni għall-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara fuq vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa Regolament separat għall-iskopijiet tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip stipulat fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (id-Direttiva tal-Qafas) [2].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jirrevoka id-Direttiva tal-Kunsill 70/222/KEE tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-ispazju għall-immuntatura u t-twaħħil ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni tan-naħa ta' wara ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom [3]. Ir-rekwiżiti stipulati f'dik id-Direttiva għandhom jiġu inklużi f'dan ir-Regolament u, fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu emendati biex ikunu aġġornati għall-iżvilupp tal-għarfien xjentifiku u tekniku.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jistabbilixxi dispożizzjonijiet fundamentali dwar ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar tal-pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq in-naħa ta' wara. Għaldaqstant, jinħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll proċeduri, testijiet u rekwiżiti speċifiċi għal din l-approvazzjoni tat-tip.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tip ta' vettura fir-rigward tal-ispazju għall-immuntatura u t-twaħħil tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni fuq in-naħa ta' wara" tfisser vetturi li ma jvarjawx fl-aspetti essenzjali bħal:

— id-dimensjonijiet tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara;

— il-post tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara;

— il-forma tal-wiċċ għall-immuntar u l-iffissar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara;

(2) "wiċċ kważi ċatt" tfisser wiċċ ta' materjal solidu, li jista' jkollu wkoll id-disinn ta' malji jew gradilja, b'raġġ ta' kurvatura ta' mill-inqas 5 000 mm.

(3) "wiċċ bid-disinn tal-malji" tfisser wiċċ li jkollu forom imxerrda b'mod indaqs bħal forom tondi, ovali, djamanti, toqob rettangolari jew kwadri u dawn ikunu mifruxa b'mod indaqs f'intervalli li ma jaqbżux il-15-il mm.

(4) "wiċċ ta' grada" tfisser wiċċ li jkun jikkonsisti f'vireg paralleli li huma mifruxa b'mod indaqs u li jkollhom distanza reċiproka ta' mhux aktar minn 15-il mm.

(5) "wiċċ nominali" tfisser wiċċ teoretiku ġeometrikament perfett mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-irregolaritajiet tal-wiċċ bħal isporġenzi jew għafsiet.

(6) "pjan medjan longitudinali tal-vettura" tfisser il-pjan ta' simmetrija tal-vettura jew, jekk il-vettura ma tkunx simmetrika, il-pjan longitudinali vertikali li jgħaddi min-nofs il-fusijiet tal-vettura.

[1] ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.
[2] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.
[3] ĠU L 76, 6.4.1970, p. 25.

(7) "inklinazzjoni" tfisser il-grad tad-devjazzjoni angolari b'relazzjoni mal-pjan vertikali;

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura bil-mutur jew trejler fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara

1. Il-manifattur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jressaq quddiem l-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara fuq vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom.

2. L-applikazzjoni għandha titfassal skont il-mudell tad-dokument tal-informazzjoni stipulat fil-Parti 1 tal-Anness I.

3. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fl-Anness II f'dan ir-Regolament jiġu sodisfatti, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE u toħroġ numru tal-approvazzjoni tat-tip skont is-sistema ta' numerazzjoni stipulata fl-Anness VII tad-Direttiva 2007/46/KE.

Stat Membru ma jistax jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

4. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 3, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tagħti ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilit skont il-mudell stipulat fil-Parti 2 tal-Anness I.

Artikolu 3

Validità u estensjoni tal-approvazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 70/222/KEE

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jippermettu l-bejgħ u l-użu ta' vetturi bl-approvazzjoni tat-tip qabel id-data msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 661/2009, u għandhom ikomplu jestendu l-approvazzjonijiet ta' dawk il-vetturi skont it-termini tad-Direttiva 70/222/KEE.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

Dokumenti amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni fuq wara

PARTI 1

Dokument ta' informazzjoni

MUDELL

Dokument ta' informazzjoni Nru … dwar l-approvazzjoni tat-tip KE ta' vettura bil-mutur jew trejler fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi tar-reġistrazzjoni fuq wara.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinn irid jiġi pprovdut fi skala xierqa u b'dettall suffiċjenti fuq karta ta' daqs A4 jew folder ta' format A4. Ir-ritratti, fil-każ li jkun hemm, għandhom juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi oħra msemmija f'dan id-dokument ta' informazzjoni jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0 ĠENERALI

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): .....

0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk indikat fuq il-vettura ([b]): .....

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: .....

0.4. Kategorija ta' vettura ([c]): .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-immuntar: .....

0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun il-każ): .....

1. IL-KARATTERISTIĊI TAL-BINI ĠENERALI TAL-VETTURA

1.1. Ritratti u/jew disinji ta' eżempju rappreżentattiv tal-vettura: .....

2. PIŻIJIET U DIMENSJONIJIET ([f]) ([g])

2.4. Firxa ta' dimensjonijiet tal-vettura (ġenerali)

2.4.2. Għal chassis bil-karozzerija

2.4.2.3. Għoli (f'kundizzjoni ta' sewqan) ([g8]) (għal sospensjonijiet aġġustabbli għall-għoli, uri l-pożizzjoni normali f'kundizzjoni ta' sewqan): .....

2.6. Massa f'kundizzjoni ta' sewqan

Massa tal-vettura bil-karozzerija u, fil-każ ta' vettura ta' l-irmonk ta' kategorija għajr għal M_1, b'tagħmir ta' ggančjar, jekk imqiegħed mill-manifattur, f'kundizzjoni ta' sewqan, jew massa tax-chassis jew chassis bil-kabina, mingħajr karozzerija u/jew tagħmir ta' ggančjar jekk il-manifattur ma jqiegħedx il-karozzerija u/jew it-tagħmir ta' ggančjar (inklużi likwidi, għodda, rota żejda, jekk tkun imqiegħda, u s-sewwieq u, għal karozzi tal-linja u kowċis, kunduttur jekk ikun hemm sit għall-kunduttur fil-vettura) ([h]) (massimu u minimu għal kull varjant): .....

9. KAROZZERIJA

9.14. Spazju għall-immuntar tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' wara (agħti l-firxa fejn hu l-każ, jistgħu jintużaw disinji fejn applikabbli): .....

9.14.1. Għoli 'l fuq mill-wiċċ tat-triq, ix-xifer ta' fuq: .....

9.14.2. Għoli 'l fuq mill-wiċċ tat-triq, ix-xifer t'isfel: .....

9.14.3. Distanza tal-linja taċ-ċentru mill-pjan longitudinali medjan tal-vettura: .....

9.14.4. Distanza mix-xifer tax-xellug tal-vettura: .....

9.14.5. Dimensjonijiet (tul × wisa'): .....

9.14.6. Inklinazzjoni tal-pjan mal-vertikali: .....

9.14.7. Angolu ta' viżibilità fil-pjan orizzontali: .....

Noti ta' spjegazzjoni

([b]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri li mhux rilevanti biex jiddeskrivu t-tip ta' vettura, komponent jew unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, dawn il-karattri għandhom jiġu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

([c]) Ikklassifikati skont id-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2007/46/KE, il-Parti A tal-Anness II.

([f]) Fejn hemm verżjoni waħda b'kabina normali u oħra b'kabina tal-irqad, iż-żewġ settijiet ta' piżijiet u dimensjonijiet għandhom ikunu ddikjarati.

([g]) Standard ISO 612: 1978 - Vetturi tat-triq - Dimensjonijiet tal-vetturi motorizzati u vetturi rmunkati - kundizzjonijiet u definizzjonijiet.

([g8]) Terminu Nru 6.3.

([h]) Il-massa tas-sewwieq u, jekk applikabbli, tal-membru tal-ekwipaġġ hija valutata 75 kg (sottodiviża fi 68 kg massa tal-okkupanti u 7 kg massa tal-bagalji skond l-Istandard ISO 2416 - 1992), it-tank tal-karburant ikun mimli sa 90 % u s-sistemi l-oħra li jkun fihom likwidu (ħlief dawk għal ilma użat) ikunu mimlija sa 100 % tal-kapaċità speċifikata mill-manifattur.

PARTI 2

Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE

MUDELL

Format: A4 (210 × 297 mm)

ĊERTIFIKAT TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip

Komunikazzjoni dwar

— Approvazzjoni tat-tip tal-KE [1]
— estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip KE [1]
— ċaħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE [1]
— irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KE [1]

} tat-tip ta' vettura bil-mutur jew trejler fir-rigward tal-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni fuq wara

fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1003/2010 [dan ir-Regolament], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru …/… [1]

Numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE: .....

Raġuni għall-estensjoni: .....

TAQSIMA I

0.1. Il-marka (marka tal-fabbrika tal-manifattur): .....

0.2. Tip: .....

0.2.1. Isem(ismijiet) kummerċjali (jekk disponibbli): .....

0.3. Mod tal-identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat, fuq il-vettura [2]: .....

0.3.1. Fejn tinsab din il-marka: .....

0.4. Kategorija tal-vettura [3]: .....

0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

0.8. L-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-immuntar: .....

0.9. Isem u indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun il-każ): .....

TAQSIMA II

1. Aktar informazzjoni: ara l-Addendum.

2. Is-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Data tar-rapport tat-test: .....

4. Numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki (jekk ikun hemm): ara l-Addendum.

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

Annessi: Pakkett ta' informazzjoni

Rapport tat-test

---

[1] Neħħi fejn mhux applikabbli.

[2] Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri mhux rilevanti biex jiddeskrivu l-vettura, il-komponent jew l-unità teknika separata koperta minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

[3] Kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE, Anness II, Sezzjoni A.

Addendum

maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru …

1. Aktar informazzjoni:

1.1. Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tagħha: .....

1.2. Deskrizzjoni tal-ispazju fuq wara għall-pjanċa ta' reġistrazzjoni: .....

2. L-ispazju għall-pjanċa tar-reġistrazzjoni huwa addattat għall-iffissar tad-daqs tal- pjanċa ta' reġistrazzjoni sa (mm): 520 × 120/340 × 240 [1]

3. Il-post fuq wara għall-pjanċa ta' reġistrazzjoni: xellug taċ-ċentru/ċentru [1]

4. L-ispazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni mgħotti meta jkun mgħammar xi mezz ta' ggančjar mekkaniku: iva/le [1]

5. Rimarki: .....

[1] Neħħi fejn mhux applikabbli.

ANNESS II

Rekwiżiti għall-ispazju għall-immuntar u l-iffissar ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara

1. REKWIŻITI

1.1. Forma u qisien tal-ispazju għall-immuntar ta' pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara.

1.1.1. L-ispazju għall-muntaġġ għandu jinkludi wiċċ lixx jew li jidher rettangulari lixx bil-qisien minimi li ġejjin:

jew

wisa': 520 mm

għoli: 120 mm

jew

wisa': 340 mm

għoli: 240 mm

1.1.2. Il-wiċċ li jrid jiġi kopert mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni jista' jkollu xi toqob jew spazji.

1.1.2.1. Fil-każ ta' vetturi tal-kategorija M_1 il-wisa' tat-toqba jew spazju m'għandhiex teċċedi l-40 mm mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni t-tul tagħha.

1.1.3. Il-wiċċ li jrid jiġi kopert mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni jista' jkollu ponot ħerġin, sakemm dawn ma jisporġux iktar minn 5,0 mm f'relazzjoni mal-wiċċ nominali. M'għandux jittieħed kont ta' irqajja ta' materjali rotob ħafna, bħal fowm jew feltru maħsuba għat-tneħħija tal-vibrazzjoni tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

1.2. L-immuntar u l-iffissar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara.

1.2.1. L-ispazju għall-muntaġġ għandu jkun tali li l-pjanċa tar-reġistrazzjoni, wara t-twaħħil skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, għandu jkollu l-karatteristiċi li ġejjin:

1.2.1.1. Il-pożizzjoni tal-pjanċa f'relazzjoni mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura:

1.2.1.1.1. Il-punt ċentrali tal-pjanċa m'għandux ikun qiegħed fuq il-lemin tal-pjan medjan longitudinali tal-vettura.

1.2.1.2. Il-pożizzjoni tal-pjanċa f'relazzjoni mal-pjan longitudinali vertikali tal-vettura:

1.2.1.2.1. Il-pjanċa għandha tkun perpendikulari għall-pjan longitudinali tal-vettura.

1.2.1.2.2. It-tarf tax-xellug tal-pjanċa ma jistax ikun qiegħed fuq ix-xellug tal-pjan vertikali li hu parallel mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura u jmiss it-tarf estrem tal-vettura.

1.2.1.3. Il-pożizzjoni tal-pjanċa f'relazzjoni mal-pjan trasversali vertikali:

1.2.1.3.1. Il-pjanċa tista' tkun inklinata lejn il-vertikali:

1.2.1.3.1.1. Mhux inqas minn – 5° u mhux aktar minn 30°, sakemm l-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa ma jkunx aktar minn 1,20 m mill-wiċċ tal-art;

1.2.1.3.1.2. Mhux inqas minn – 15° u mhux aktar minn 5°, sakemm l-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa ma jkunx aktar minn 1,20 m mill-wiċċ tal-art.

1.2.1.4. L-għoli tal-pjanċa mill-wiċċ tal-art:

1.2.1.4.1. L-għoli tat-tarf t'isfel tal-pjanċa mill-wiċċ tal-art m'għandux ikun anqas minn 0,30 m.

1.2.1.4.2. L-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa mill-wiċċ tal-art m'għandux jaqbeż il-1,20 m. Madankollu, meta ma jkunx prattiku li wieħed ikun konformi mad-dispożizzjoni tal-għoli minħabba l-kostruzzjoni tal-vettura, l-għoli massimu jista' jeċċedi l-1,20 m, sakemm ikun qrib ta' dak il-limitu u kemm il-karatteristiċi strutturali tal-vettura jkunu jippermettu, u m'għandu b'mod ebda każ jaqbeż it-2,00 m.

1.2.1.5. Viżibilità ġeometrika:

1.2.1.5.1. Jekk l-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa ma jaqbiżx il-1,20 m mill-wiċċ tal-art, il-pjanċa għandha tkun tidher fl-ispazju kollu inkluż fl-erba' pjani li ġejjin:

— iż-żewġ pjani vertikali li jmissu maż-żewġt itruf laterali tal-pjanċa u li jiffurmaw angolu mkejjel 'il barra minn 30° f'relazzjoni mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura,

— il-pjan li jmiss it-tarf ta' fuq tal-pjanċa u li jifforma angolu mkejjel 'il fuq minn 15 ma' dak orizzontali,

— il-pjan orizzontali minn ġot-tarf t'isfel tal-pjanċa.

1.2.1.5.2. Jekk l-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa mill-wiċċ l-art jeċċedi l-1,20 m, il-pjanċa għandha tkun tidher fl-ispazju kollu inkluż fl-erba' pjani li ġejjin:

— iż-żewġ pjani vertikali li jmissu maż-żewġt itruf laterali tal-pjanċa u li jiffurmaw angolu mkejjel minn barra ta' 30° f'relazzjoni mal-pjan medjan longitudinali tal-vettura,

— il-pjan li jmiss it-tarf ta' fuq tal-pjanċa u li jifforma angolu mkejjel 'il fuq minn 15 ma' dak orizzontali,

— il-pjan li jmiss it-tarf ta' taħt tal-pjanċa u li jifforma angolu mkejjel 'lisfel minn 15° ma' dak orizzontali.

1.2.1.6. L-ispazju bejn it-truf tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni muntata u mwaħħla u l-wiċċ attwali tal-ispazju tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ma għandux jaqbeż il-5,0 mm tul il-kontorn sħiħ tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

1.2.1.6.1. L-ispazju massimu preskritt jista' lokalment jinqabeż fil-każ li jkun imkejjel f'toqba jew spazju f'wiċċ li jkun fih disinji ta' malji jew bejn l-vireg paralleli ta' wiċċ forma ta' grada.

1.2.2. Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni attwali u l-forma tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni mmuntata u mwaħħla kif stabbilita skont il-paragrafu 1.2, b'mod partikolari r-raġġ tal-kurvatura tagħha, u dan għall-finijiet tal-ħtiġijiet tat-tagħmir tad-dawl tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara.

1.2.3. Jekk l-ispazju għall-immuntar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ma jiġix mgħotti fi ħdan il-pjani tal-viżibilità ġeometrika, minħabba l-installazzjoni ta' kwalunkwe apparat ta' ggančjar mekkaniku, dan għandu jiġi nnotat fir-rapport tat-test u indikat fuq iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip KE.

2. PROĊEDURA TAT-TEST

2.1. Determinazzjoni tal-inklinazzjoni vertikali u l-għoli tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni mill-wiċċ tal-art.

2.1.1. Il-vettura titqiegħed fuq art lixxa bil-massa tal-vettura aġġustata għall-massa kif iddikjarata mill-manifattur f'kundizzjoni ta' sewqan, iżda mingħajr is-sewwieq, qabel ma jsir il-kejl.

2.1.2. Jekk il-vettura hija mgħammra b'sospensjoni idropnewmatika, idrawlika jew pnewmatika jew tagħmir għall-invellar awtomatiku skont it-tagħbija, din għandha tiġi ttestjata bis-sospensjoni jew b'mezz fil-kundizzjoni normali tat-tħaddim, kif speċifikat mill-manifattur.

2.1.3. Jekk il-pjanċa tar-reġistrazzjoni qed tħares 'l isfel, ir-riżultat tal-kejl li jikkonċerna l-inklinazzjoni għandu jkun espress fin-negattiv.

2.2. Għandhom isiru projezzjoni tal-kejl, magħmula b'mod perpendikolari u direttament lejn il-wiċċ nominali li jkun se jiġi kopert mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

2.3. Il-kejl tal-ispazju bejn it-tarf tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni mmuntata u mwaħħla u l-wiċċ attwali għandu jkun magħmul b'mod perpendikolari u direttament lejn il-wiċċ attwali li jkun se jiġi kopert mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni.

2.4. Il-pjanċa tar-reġistrazzjoni użata għall-iċċekkjar tal-konformità għandha tkun f'xi wieħed mill-qisien speċifikati fil-paragrafu 1.1.1.